**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
Frar 2015

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL-ĦIN: 30 min |
|---|---|---|

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEM



**Merħba!**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' żewġ siltiet.**
**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**
**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se jinqraw darbtejn.**
**Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġni 2 u 3.**

**----------------Waqfa ta' 10 sekondi --------------------**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A, Taħriġ B u Taħriġ Ċ tal-ewwel silta.

**----------------Waqfa ta' 25 sekonda --------------------**

Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

**Il-Qagħaq tal-Għasel tal-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl**

Għall-ħabta ta' Novembru, l-ommijiet li wliedhom jattendu jew li kienu jattendu l-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl ir-Rabat, jiltaqgħu kważi kuljum għal ħames ġimgħat sħaħ biex jaħdmu madwar erbat elef kilo qagħaq tal-għasel.

B'dan ix-xogħol volontarju, filwaqt li qed iżommu ħajja tradizzjoni Maltija ta' żmien il-Milied, qegħdin ikunu wkoll sors ta' dħul ta' fondi għal din l-iskola tal-Knisja. Din l-inizjattiva, bdewha xi ommijiet tmienja u għoxrin sena ilu. Dak iż-żmien ma kinux jaħmu din il-kwantità ta' qagħaq tal-għasel u kienu jaħdmu kollox bl-idejn. Id-domanda tal-qagħaq tal-għasel li bdew jaħdmu dawn l-ommijiet bdiet kulma jmur iżżid fil-popolarità. Għalhekk il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl iddeċieda li jinvesti f'makkinarju apposta. B'hekk dawn l-ommijiet ma baqgħux jaħdmu kollox b'idejhom u fl-istess ħin setgħu jlaħħqu mad-domanda li kien qed ikollhom mill-familji tal-istudenti u min-nies oħra f' Malta u Għawdex.

Tistaqsi lil min tistaqsi kulħadd jgħidlek it-taħlita, iżda ħadd ma jgħidlek dak li jżid u jnaqqas biex il-qagħqa tiegħu jkollha togħma partikolari.

***Kitba ta' Michael Caruana***

**Tmiem l-ewwel silta**

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Immarka b' sinjal (✓) il-kaxxa biex tgħid jekk hux VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

**Numru wieħed:**

L-ommijiet tar-Rabat jiltaqgħu biex jagħmlu l-qagħaq tal-għasel.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Il-qagħaq tal-għasel huma tradizzjoni Maltija.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Il-qagħaq tal-għasel jinbiegħu bi prezz baxx.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

Il-qagħaq tal-għasel kienu jinxtraw mill-istudenti biss.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

L-iskola xtrat makkinarju apposta biex jaħdmu l-qagħaq tal-għasel.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B.**

**Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi b'kelma meħuda mis-silta.**

**Numru wieħed:**

Il-qagħaq tal-għasel huwa mezz biex jinġabru _______________ għall-iskola.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Għalkemm kulħadd jgħidlek x'fiha t- _______________, ħadd ma jgħidlek x'jagħti t-togħma partikolari.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A u Taħriġ B, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ Ċ.**

**Taħriġ Ċ**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħt il-kelma jew frażi.**

**Numru wieħed:**

Biex jagħmlu l-qagħaq tal-għasel l-ommijiet jiltaqgħu għal (ħames darbiet, ħames ġimgħat, ħames sigħat).

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Il-frażi *'xogħol volontarju'* tfisser, (xogħol li jsir filgħodu, xogħol li jsir bla ħlas, xogħol li jsir id-dar).

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Din l-inizjattiva bdiet (għoxrin, tlieta u għoxrin, tmienja u għoxrin) sena ilu.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**------Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -----**

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

**Il-Qagħaq tal-Għasel tal-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl**

Għall-ħabta ta' Novembru, l-ommijiet li wliedhom jattendu jew li kienu jattendu l-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl ir-Rabat, jiltaqgħu kważi kuljum għal ħames ġimgħat sħaħ biex jaħdmu madwar erbat elef kilo qagħaq tal-għasel.

B'dan ix-xogħol volontarju, filwaqt li qed iżommu ħajja tradizzjoni Maltija ta' żmien il-Milied, qegħdin ikunu wkoll sors ta' dħul ta' fondi għal din l-iskola tal-Knisja. Din l-inizjattiva, bdewha xi ommijiet tmienja u għoxrin sena ilu. Dak iż-żmien ma kinux jaħmu din il-kwantità ta' qagħaq tal-għasel u kienu jaħdmu kollox bl-idejn. Id-domanda tal-qagħaq tal-għasel li bdew jaħdmu dawn l-ommijiet bdiet kulma jmur iżżid fil-popolarità. Għalhekk il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl iddeċieda li jinvesti f'makkinarju apposta. B'hekk dawn l-ommijiet ma baqgħux jaħdmu kollox b'idejhom u fl-istess ħin setgħu jlaħħqu mad-domanda li kien qed ikollhom mill-familji tal-istudenti u min-nies oħra f' Malta u Għawdex.

Tistaqsi lil min tistaqsi kulħadd jgħidlek it-taħlita, iżda ħadd ma jgħidlek dak li jżid u jnaqqas biex il-qagħqa tiegħu jkollha togħma partikolari.

***Kitba ta' Michael Caruana***

**Tmiem l-ewwel silta**

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Immarka b'sinjal (✓) il-kaxxa biex tgħid jekk hux VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

**Numru wieħed:**

L-ommijiet tar-Rabat jiltaqgħu biex jagħmlu l-qagħaq tal-għasel.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Il-qagħaq tal-għasel huma tradizzjoni Maltija.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Il-qagħaq tal-għasel jinbiegħu bi prezz baxx.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

Il-qagħaq tal-għasel kienu jinxtraw mill-istudenti biss.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

L-iskola xtrat makkinarju apposta biex jaħdmu l-qagħaq tal-għasel.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B.**

**Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi b'kelma meħuda mis-silta.**

**Numru wieħed:**

Il-qagħaq tal-għasel huwa mezz biex jinġabru _______________ għall-iskola.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Għalkemm kulħadd jgħidlek x'fiha t- _______________, ħadd ma jgħidlek x'jagħti t-togħma partikolari.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A u Taħriġ B, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ Ċ.**

**Taħriġ Ċ**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel <u>sing</u> taħt il-kelma jew frażi.**

**Numru wieħed:**

Biex jagħmlu l-qagħaq tal-għasel l-ommijiet jiltaqgħu għal (ħames darbiet, ħames ġimgħat, ħames sigħat).

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Il-frażi *'xogħol volontarju'* tfisser, (xogħol li jsir filgħodu, xogħol li jsir bla ħlas, xogħol li jsir id-dar).

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Din l-inizjattiva bdiet (għoxrin, tlieta u għoxrin, tmienja u għoxrin) sena ilu.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**------Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -----**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 3 u 4.

**------------------Waqfa ta' 5 sekondi -------------------**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

**--------------- Waqfa ta' 45 sekonda ---------------**

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Il-Qari tat-Tieni Silta:**

**Biċċa Stramba**

Waqt l-ikla ta' nofsinhar tista' tgħid li ħadd ma kellu aptit jiekol għax id-dehxa li kienu ħadu minħabba n-nannu kienet għadha fuqhom. David u l-papà bilkemm daqu, filwaqt li Tania u l-mamà taparsi teftfu xi ħaġa żgħira, kemm jitrejqu. It-tewmin biss ma tantx ħadu l-biċċa bis-serjetà għax billi kienu għadhom żgħar ma kinux tal-ħsieb biżżejjed. L-imqarbin Gerry u Louis spiċċaw jiġġieldu bejniethom għall-ikbar tuffieħa!

Ftit wara t-tlieta, il-papà ħaseb biex jerġa' jmur l-isptar ħalli jara kif għadda n-nannu, u David ħareġ miegħu biex imur ir-razzett ħalli jieħu ħsieb jagħlef u jsaqqi. Issa li n-nannu kien l-isptar, ix-xogħol tar-razzett waqa' kollu fuq it-tifel. Il-papà xtaq iwasslu sar-razzett iżda kien fuq ix-xwiek biex ifittex jasal l-isptar. Għalhekk waqqfu fejn il-Palma u qallu:
"Meta tasal fittex agħlef u erġa' lura lejn id-dar, Dave. Toqgħodx titlajja r-razzett. U jaqbel li tmur lura bil-karozza tal-linja għax jien ma nafx kemm se ndum l-isptar. Kif tlesti aqbad u mur, Dave, għax il-mamà tkun moħħha fik."
"Ħalli f'idejja, pa," serraħlu rasu t-tifel. "Nagħmel kif għedtli. Sellili għan-Nannu."
Jekk il-Papà kien fuq ix-xwiek biex ifittex jasal l-isptar, David kellu seba' mitt sena biex ifittex jasal ir-razzett. Ħsibijietu kienu ilhom li reġgħu daru fuq il-ktieb misterjuż tan-nannu Dumink. Hu u miexi matul Triq Lelluxa beda jħoss il-kurżità tikber fih u jdejh kienu jikluh biex ifittxu jerġgħu jiftħu dak il-ktieb. Tgħid x'kien hemm moħbi f'dik il-qasba misduda bit-tappijiet? In-nannu kien qal li hemm teżor li hu qatt ma seta' jsib. Imma jekk kien jaf li qiegħed fil-qasba kif qatt ma seta' jsibu? Stramba l-biċċa!

(Silta minn *Il-Misteru tal-Imsella Msadda ta' Carmel G Cauchi*)

**Tmiem it-tieni silta**

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.**

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw: **Lelluxa**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli: ... **hi l-isem tat-triq.**

Għalhekk ktibt in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi: **Lelluxa hi l-isem tat-triq.**

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tgħaqqad iż-żewġ partijiet ta' kull sentenza.**

**Kolonna A:**
**Numru wieħed: Lelluxa ...**
Numru tnejn: Gerry u Louis ...
Numru tlieta: David ...
Numru erbgħa: Il-papà ...
Numru ħamsa: In-nannu ...
Numru sitta: Tania u l-mamà ...

**Issa se naqralek Kolonna B:**
... ried imur l-isptar.
... hi l-isem tat-triq.

... kielu xi ħaġa żgħira.
... kien l-isptar.
... iġġieldu waqt il-ħin tal-ikel.
... mar ir-razzett.

**------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -------**

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

**Numru wieħed:**

Min kien l-iżgħar?

a) David b) Dumink ċ) Louis

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

L-idjoma fuq ix-xwiek tfisser:

a) kien taħt xokk kbir. b) kien ħerqan. ċ) kien imdejjaq.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

David u l-papà ħarġu flimkien

a) filgħodu. b) waranofsinhar. ċ) tard billejl.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

David mar lura d-dar

a) bil-mixi.  b) bil-karozza tal-linja.  ċ) bil-karozza tal-papà.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

It-teżor kien moħbi

a) fil-qasba.  b) fir-razzett.  ċ) fil-ktieb.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**Il-Qari tat-Tieni Silta:**

**Biċċa Stramba**

Waqt l-ikla ta' nofsinhar tista' tgħid li ħadd ma kellu aptit jiekol għax id-dehxa li kienu ħadu minħabba n-nannu kienet għadha fuqhom. David u l-papà bilkemm daqu, filwaqt li Tania u l-mamà taparsi teftfu xi ħaġa żgħira, kemm jitrejqu. It-tewmin biss ma tantx ħadu l-biċċa bis-serjetà għax billi kienu għadhom żgħar ma kinux tal-ħsieb biżżejjed. L-imqarbin Gerry u Louis spiċċaw jiġġieldu bejniethom għall-ikbar tuffieħa!

Ftit wara t-tlieta, il-papà ħaseb biex jerġa' jmur l-isptar ħalli jara kif għadda n-nannu, u David ħareġ miegħu biex imur ir-razzett ħalli jieħu ħsieb jagħlef u jsaqqi. Issa li n-nannu kien l-isptar, ix-xogħol tar-razzett waqa' kollu fuq it-tifel. Il-papà xtaq iwasslu sar-razzett iżda kien fuq ix-xwiek biex ifittex jasal l-isptar. Għalhekk waqqfu fejn il-Palma u qallu:

"Meta tasal fittex agħlef u erġa' lura lejn id-dar, Dave. Toqgħodx titlajja r-razzett. U jaqbel li tmur lura bil-karozza tal-linja għax jien ma nafx kemm se ndum l-isptar. Kif tlesti aqbad u mur, Dave, għax il-mamà tkun moħħha fik."

"Ħalli f'idejja, pa," serraħlu rasu t-tifel. "Nagħmel kif għedtli. Sellili għan-Nannu."

Jekk il-papà kien fuq ix-xwiek biex ifittex jasal l-isptar, David kellu seba' mitt sena biex ifittex jasal ir-razzett. Ħsibijietu kienu ilhom li reġgħu daru fuq il-ktieb misterjuż tan-nannu Dumink. Hu u miexi matul Triq Lelluxa beda jħoss il-kurżità tikber fih u jdejh kienu jikluh biex ifittxu jerġgħu jiftħu dak il-ktieb. Tgħid x'kien hemm moħbi f'dik il-qasba misduda bit-tappijiet? In-nannu kien qal li hemm teżor li hu qatt ma seta' jsib. Imma jekk kien jaf li qiegħed fil-qasba kif qatt ma seta' jsibu? Stramba l-biċċa!

(Silta minn *Il-Misteru tal-Imsella Msadda ta' Carmel G Cauchi*)

**Tmiem it-tieni silta**

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.**

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw: **Lelluxa**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli: **... hi l-isem tat-triq.**

Għalhekk ktibt in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi: **Lelluxa hi l-isem tat-triq.**

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tgħaqqad iż-żewġ partijiet ta' kull sentenza.**

**Kolonna A:**

**Numru wieħed: Lelluxa ...**

Numru tnejn: Gerry u Louis ...

Numru tlieta: David ...

Numru erbgħa: Il-papà ...

Numru ħamsa: In-nannu ...

Numru sitta: Tania u l-mamà ...

**Issa se naqralek Kolonna B:**

... ried imur l-isptar.

... hi l-isem tat-triq.

... kielu xi ħaġa żgħira.

... kien l-isptar.

... iġġieldu waqt il-ħin tal-ikel.

... mar ir-razzett.

**------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -------**

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

**Numru wieħed:**

Min kien l-iżgħar?

a) David b) Dumink ċ) Louis

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

L-idjoma fuq ix-xwiek tfisser:

a) kien taħt xokk kbir. b) kien ħerqan. ċ) kien imdejjaq.

--------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** ---------------

**Numru tlieta:**

David u l-papà ħarġu flimkien

a) filgħodu. b) waranofsinhar. ċ) tard billejl.

--------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** ---------------

**Numru erbgħa:**

David mar lura d-dar

a) bil-mixi. b) bil-karozza tal-linja. ċ) bil-karozza tal-papà.

--------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** ---------------

**Numru ħamsa:**

It-teżor kien moħbi

a) fil-qasba. b) fir-razzett. ċ) fil-ktieb.

--------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** ---------------

Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.

--------------- **Waqfa ta' 2 minuti** ---------------

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**

**TMIEM IL-KARTA**